# L-EWWEL PARTI

## IT-TIELET SEZJONI — APPELLI INFERJURI

**22 ta' Frar, 1964**

**Imħallef**

**Onor A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Carmelo Sultana ne et

*versus*

Annunzjata armla Giordmaina.

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi deċiża b'kap separat u n-nuqqas ta' deċiżżjoni tagħha proprjament tikkostitwixxi nullita mħabba difett ta' forma.*

*Għe pero ukoll deċiż li in forza ta' l-art. 793 Kap. 15 li simili eċċezzjoni, li mhix espressament eċċettwata għall non applikazzjoni ta' dak l-artikolu, ma għandix tiġi ntrattenuta jekk l-Appell isib li s-sentenza mogħtija b'dak in-nuqqas hija ġusta sostanzjalment.*

*Is-sekwestratarju ġudizzjarju għandu dritt jirċievi indenniż ta' appoġġ meta l-immobili jkun taħt l-isfera tiegħu.*

**EĊĊEZZJONI TA' PRESKRIZZJONI — NUQQAS TA' DEĊIŻJONI TA' DRITTIJIET U DMIRIJIET U DMIRIJIET TAS-SEKWESTRATARJU ĠUDIZZJARJU.**

Il-Qorti, Rat l-istanza ta' l-attur nomine b'avviż numru 759/63 presentat quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Gudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fis-sbatax (17) ta' Awwissu, 1963, fejn talab li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas lill-atturi nomine u proprio s-somma ta' disa' liri, ħdax-il-xelin u tlett soldi (£9.11.3) dritt ta' appoġġ dovut lilhom mill-istess konvenuta għall-ħitan divisorji bejn il-post numbru 28, High Street, Rabat, proprjeta tal-Konvenuta, u l-post numru 29, High Street, Rabat, proprjeta tal-atturi skond ma jirriżulta mill-istima annessa ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Edward Borg Cardona — bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra nterpellatorja u bl-inġunzzjoni lill-konvenuta sabiex tidher għas-subizzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti fuq imsemmija tat-tnax ta' Novembru, 1963, li minnha jidher li t-talba attriċi miċhuda bl-ispejjez kontra tagħhom fuq il-konsiderandi li:—

Mir-riċevuta jirriżulta li r-raġel tal-konvenuta fit-tmienja u għoxrin ta' Jannar, 1952 kien ħallas ta' l-appoġġ minnu magħmul mal-bini numru 29, High Street, Rabat. Dan il-ħlas kien sar lill-Kanoniku Dun Carmelo Farrugia bħala sekwestratarju ġudizzjarju u li jirriżulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Petronella Bugeja, li bejna u bejn oħta Carmela mart l-attur Carmelo Sultana, u awtriċi ta' l-atturi l-oħra, li kien hemm kawża dwar qasma, u l-Kanoniku Farrugia kien ġie nominat sekwestratarju ġjudizzjarju u li għalhekk meta l-ħlas sar lis-sekwestratarju

ġjudizzjarju tal-kreditur il-ħlas sar sewwa.

Edba argument ma nġib mill-atturi biex b'xi mod jimpunja dina l-irċevuta u għalhekk il-kreditu preġiż mill-atturi għandu jiġi ritenut imħallas.

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-atturi proprio et nomine interponew appell mis-sentenza fuq imsemmija u talbu li l-istess tiġi revokata għar-raġunijiet li pproponew li jġibu l-quddiem waqt it-trattazzjoni tal-kawża f'dina s-sedi.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha qalet li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma stanti li jirriżulta li l-appoġġ pretiż ġie mħallas.

Semgħet bil-ġurament lill-appellant u x-xhieda "hinc inde" prodotti.

Hadet konjizzjoni tal-proċess u ta' dak li għalieh saret riferenza.

Semgħet lill-avukati.

Ikkunsidrat:—

Mill-atti tal-kawża jidher li l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas ta' dritt ta' appoġġ imsemmi fl-avviż għal liema talba l-konvenuti eċċepew il-pagament u ppresentaw riċevuta magħmula mill-Kanoniku Dr. Carmelo Farrugia bħala sekwestratarju ġudizzjarju u in segwitu, wara smiegħ talprovi ġiebu l-quddiem in opposizzjoni tat-talba attriċi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali.

Illi qabel xejn jingħad li dina l-aħħar eċċezzjoni fuq

imsemmija skond l-artikolu 731 tal-Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tiġi deċiża b'kap separat u n-nuqqas ta' deċiżżjoni tagħha proprjament tikkostitwixxi nullita imħabba difett ta' forma u peress li tikkonċerna l-ammissibilita tal-kawża, u li r-rimedju normalment huwa dak li s-sentenza tiġi annullata u l-attijiet jiġu mil-ġdid rinvjati lill-ewwel Qorti (ara Appell 12 ta' Diċembru 1931 in re Cassar vs. Cachia Vol. XXVII P.I. p.663 — Appell 7 ta' Mejju 1951 Carmelo Micallef vs. Brigadier John B. McCance — Kummerċ 5 ta' Frar, 1895 Califato noe vs. Muscat noe. Vol. XV paġ. 44). Ġie pero wkoll "in subiecta materia" deċiż in forza tal-artikolu 793 Kap. 15 li simili eċċezzjoni, li mhix espressament eċċettwata għall-non-applikazzjoni ta' dak l-artikolu, ma għandix tiġi ntrattenuta jekk l-Appell isib li s-sentenza mogħtija b'dak in-nuqqas hija ġusta sostanzjalment. (ara Appell Ċivili Inferjuri 11 ta' Diċembru 1957 Avukat Dr. Giuseppe Vella et vs. Giuseppe Gatt Vol. XXIX. P. I pag. 1063 — Appelli Civili Inferjuri 3 Maggio 1899 Sapiano vs. Muscat Vol. XV pag. 43)

Illi fil-każ in desamina l-ewwel Qorti naqset milli taqta b'kap separat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija imma l-appellanti ma avanzax ebda eċċezzjoni fuq daqshekk u naturalment l-appellata sostniet lis-sentenza hija ġusta u timmerita konferma b'mod li dina l-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina u taqta sabiex tara jekk fil-meritu dika l-istess deċiżżjoni hijiex jew le ġusta fis-sostanza tagħha.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn iridu jiġu stabiliti ċerti fatti sabiex il-kwistjoni tista tiġi deċiża. Dawn il-fatti huma li:—

1) L-atturi odierni meta kienu minuri kienu nvoluti

bħala konvenuti fil-kawża Ċivili numru 863/1949 ma Petronella armla min Giuseppi Bugeja bħala tutriċi ta' binha minuri Antonio, li kienet allura l-attriċi u li xehdet f'dina l-kawża, dwar il-wirt tal-miżżewġin Antonio u Maria ġja konjuġi Bugeja, li kienu n-nanniet tagħhom u f'dana l-wirt kien jidħol il-fond minnhom illum possedut u li sar l-appoġġ miegħu mill-konvenuta fil-kawża odierna, għal liema appoġġ qiegħed jintalab indennizz.

2) Fil-kors tal-kawża fuq imsemmija li nqatgħet fid-disgħa ta' Marzu, 1953 u li kienet ġiet presentata fl-għaxra ta' Novembru, 1949, il-Kanoniku Dr. Dun Carmelo Farrugia kien ġie nominat perit legali u fuq domanda, kontenuta fir-rikors tal-attriċi opposta mill-konvenuti l-istess perit legali fuq imsemmi ġie nominat sekwestratarju ġjudizzjali "bil-fakultajiet, bid-drittijiet, u bl-obbligi kollha li l-liġi timponi lill-amministraturi simili" u fil-kors ta' dana l-mandat irċeva l-indennizz ta' l-appoġġ imsemmi fit-tmienja u għoxrin ta' Jannar, 1952 mingħand l-awtur tal-konvenuta fis-somma ta' erbgħa liri (£4) fuq stima tal-Perit Tekniku William Micallef u rrilaxxja r-riċevuta li tinsab fil-proċess, fil-kwalita tiegħu ta' sekwestratarju.

3) L-mandatarju ta' wieħed mill-atturi, ċioe Carmelo Sultana, li kien qiegħed jidher fil-kawża tal-qasma bħala t-tieni raġel ta' omm l-atturi u fil-kwalita ta' kap tal-komunjoni tal-akkwisti bejn ommhom u bejnha, ried ħafna wara li sar il-kuntratt tal-qasma, li sar fis-sittax ta' Diċembru 1963, jitlob l-indennizz ta' dana l-appoġġ, li bil-kuntratt tad-divizzjoni ġie imiss lill-mandanti tiegħu u lill-ħuħ u oħtu u mar biex jagħmel kawża għalhekk għand il-P. L. Saliba u mill-imsemmi legali, li nteressa ruħu fil-kwistjoni, ġie jaf li l-konvenuta kellha r-riċevuta ta' daka l-indennizz illum eżibita mentri huwa kellu għall-istess ap-

poġġ stima tal-Perit tiegħu li minnha jidher li nofs ta' l-indennizz dovut lill-atturi kellu jkun ta' disgħa liri, ħdax il-xelin u tlett soldi (£9.11.3). Huwa (Carmelo Sultana) il menta li l-Perit stama l-appoġġ bla ma kkonsultah imma anki l-istess Sultana ottiena l-istima tal-perit tiegħu bla ma kkonsulta u kellem lill-konvenuta.

4) L-imsemmi Carmelo Sultana fix-xhieda tiegħu sostna li minn żmien is-sebgħa ta' Diċembru, 1942 l-imsemmija eredi tal-konjuġi Bugeja, in-nanniet tagħhom, kellhom stima tal-Perit Michele Borg u li l-ommijiet tal-kontendenti minorenni kienu ftehmu anki waqt li fil-kors tal-kawża u qabel il-qasma li kull waħda minnhom tagħżel post imdaħħal fil-wirt u jamministraw individwalment, salvu mbagħad li jgħamlu b'mod li dak il-fond magħżul jiġi assenjat lill min ikun amministrah u qal wkoll li s-sekwestratarju ġjudizzjarju ma kellux taħt idejh ħlief fond wieħed u ċioe kerrejja li tinsab ir-Rabat, Alley No. 1, St. Francis Street, li kien baqa in komune u ma kienx imdaħħal fil-pjan tal-qasma tal-Perit Borg l-għaliex kien imiss jispiċċa u riedu jsommuh in komune. Mill-kawża l-oħra jirriżulta pero li kien hemm ukoll ġjardina tiswa ħdax-il-lira (£11) fis-sena kera u li barra minn dan il-fond l-aħħar imsemmi kien hemm postijiet li jirrendu b'kollox tmienja u għoxrin lira (£28) fis-sena. Anki Petronella Bugeja mill-banda tagħha ssemmi li hija kienet toqgħod f'dar tal-wirt fejn ma kienetx tħallas kera għall-żmien kif mart Carmela Sultana u wlieda allura minuri kienu joqgħodu fid-dar li magħha sar b'appoġġ bla ma ħallsu kera. Għalhekk il-mandatarju fuq imsemmi u l-atturi jippretendu li s-sekwestratarju ġudizzjarju ma kellu ebda dritt jieħu l-indennizz tal-appoġġ apparti li daka d-dħul ta' flus ma kienx jidħol, kif huma jsostnu, fil-mandat tiegħu.

Illi stabiliti dawna l-fatti u dina l-kontestazzjoni ta' dritt dina l-Qorti sejra tgħaddi biex tinvestihom.

Illi dwar il-pretensjoni li l-ommijiet tal-kontendenti rranġaw — qabel il-qasma effettiva li jokkupaw fond kull waħda mill-wirt tan-nanniet paterni ta' wliedhom minorenni sabiex fil-qasma effettiva in segwitu jiġu assenjat lill min di diritto, peress li daka l-ftehim sar bla ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti meta kienu nterressati minuri, kif kien sgur it-tifel ta' l-attriċi f'dika l-kawża u forsi anki jekk mhux kollha xi wħud mil-atturi attwali, legalment ma kien jiswa' xejn u, se maj, għamel ħażin l-istess sekwestratarju li ħallihom joqgħodu bla kera speċjalment meta jiġi kkunsidrat li omm l-atturi u Carmelo Sultana, ittieni raġel tagħha kienu ġew imħarrka biex jagħtu kont eżatt ta' l-amministrazzjoni tal-ġid komuni mill-mewt ta' Carmelo Bugeja, l-ewwel raġel ta' l-omm, sal-jum taċ-ċitazzjoni għall-raġunijiet wisq evidenti.

Inoltri jingħad subordinatament li dika d-diviżżjoni proviżżjonali ma tikkostitwix qasma ta' proprieta imma ta' godiment b'mod li sakemm ma saretx id-diviżżjoni materjali b'att pubbliku skond il-liġi ma jistax jingħad li kien hemm bejniethom — apparti dak li fuq intqal — qasma regolari tal-proprjeta. Illi kwindi l-ewwel aggravvju mhux validu l-għaliex kif sejjer jingħad aktar isfel il-post minnhom okkupat baqa per diritto taħt l-amministrazzjoni tassekwestratarju u kien f'idejhom taħt ir-responsabilita tiegħu.

Illi dwar il-kwistjoni l-oħra u ċioe jekk is-sekwestratarju ġjudizzjali kellux id-dritt li jitlob għall-indenizz talappoġġ jingħad li skond l-artikoli 854-855 tal-Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sekwestratarju ġjudizzjali li jiġi maħ-

tur fil-kors tal-kawża, għandu j'eħu taħt idejħ għall-integrita tal-ħwejjeġ jew oġġetti in kawża l-patrimonju in kwistjoni *kif ukoll l-aċċessorji li jikkompanjawh* sabiex jroddhom lura wara t-tmiem tal-kawża jew fiż-żmien mogħti mill-Qorti, lill dak jew dawk li lilhom l-istess Qorti tordna li l-oġġett jew xi ħaġa għandhom jiġu restitwiti u konsennati u, fil-każ ta' kwistjoni ta' proprjeta jew pussess ta' mmobbili, sabiex l-istess jitqegħdu fiż-żgur jew jitħarsu l-jeddijiet ta' minn jista jkollu nteress (Ara wkoll Prim' Awla Ċivili 19 Novembru 1898 Baker vs. Dr. Xerri Cauchi et. Vol. XVI P. II pag. 329).

Illi huwa dottrinarjament risaput li fost id-doveri tas-sekwestratarju ġjudizzjali fl-isfera vasta tal-konservazzjoni tal-ħwejjeġ sekwestrati fl-ispeċifika applikazzjoni tagħha jidħlu u huma kompriżi ħafna dmirijiet li jintervienu f'daka x-xogħol tiegħu bħal ma huwa l-kura li jara li l-fondi rustiċi jkunu koltivati; il-bżonnijiet u riparazzjonijiet li jkollhom l-immobbili biex jipproduċu r-renti għal liema ħaġa għandu jipprovvdi l-esiġenzi tal-affitti anki f'dawn il-każi ġjudizzjarjament (Ara Prim' Awla Ċivili 3 ta' Diċembru 1913 Calleja noe vs. Galea noe Vol. XXII P. II paġ. 164 ara wkoll Prim' Awla Ċivili 11 ta' Novembru 1900 — Stilon DePiro noe vs. Ellul) mingħajr in-neċessita tal-kjamati in kawża tal-proprjetarji; l-inkass tal-frutti kollha tal-beni lilu affidati bl-obbligu li jgħatihom id-destinazzjoni dovuta, eżemplifikativament jekk ikun frutti agrikoli billi jbiegħhom u jekk mobbili deponibbili jew deterjorabbili billi jbiegħhom bid-debita awtorizzazzjoni, jirrinnova ipoteki, rettifikazzjonijiet, esazzjoni ta' nteressi tal-kapitali li jħallsu u jagħmel riċevuti l-għaliex huwa jkun qiegħed sa ċertu punt jissostitwixxi l-proprjetarju fil-ħaġa amministrata. Fost id-drittijiet u dmirijiet tas-sekwestratarju ġudizzjarju jidħlu wkoll dawk intiżi għall-preservaz-

zjoni tad-drittijiet tal-patrimonju li jkun taħt idejh u għal-hekk huwa għandu wkoll id-dritt li jitutela d-drittijiet inerenti għall-ħwejjeġ minnu amministrati esklusi dawk ta' manutenzzjoni u ta' denunċja ta' "nuova opera" imma inklużi dawk ta' reinteggrazzjoni (Ara Monografia Scotti anno 1891 P. II pag. 638 fil-ġurnal "Legge",) u għandu ukoll d-dritt li jaġixxi kontra d-debituri.

Illi fid-dawl ta' dana li ntqal dina l-Qorti wara li ħasbet ħafna waslet għall-konklużżjoni li s-sekwestratarju ġudizzjali għandu d-dritt jirċevi indennizz ta' appoġġ meta l-immobbili jkun taħt l-isfera tiegħu l-għaliex daka l-istess indennizz jikkostitwixxi kreditu tal-patrimonju minnu amministrat u meta jirċevieh jkun qiegħed jaġixxi flok il-proprjetarji u ċioe l-istess bħal li kieku rċevewh huma; l-għaliex huwa, dak li jagħmel, jagħmlu fl-interess ta' l-interessati fil-ħaġa.

Illi, di konsegwenza, meta s-sentenza ta' l-ewwel Qorti rriteniet li r-riċevuta tikkostitwixxi valida prova tal-ħlas li għalieh għamlu l-presenti kawża kienet u tiġi ritenuta sostanzjalment ġusta u timmerita konferma.

Għal dawn il-motivi:—

Tiċħad l-appell interpost mill-atturi appellanti u tikkonferma l-istess sentenza, bl-ispejjeż kollha għall-appellanti.